Mellieħa

13 ta' Frar 2019

# IS-SEBA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 107**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **107** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar, 2019 fl-4.30 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## AĠENDA

107.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

107.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

107.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

107.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

107.5. Stqarrijiet Finanzjarji *(Financial Statements)* għas-sena 2018;

107.6. Mozzjoni dwar l-għażla tal-iskema responsabbli mill-Ġbir ta' Skart Riċiklabbli;

107.7. Mozzjoni dwar l-Estimi 2019 u Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill 2019-2021;

107.8. Impjieġ ta' Uffiċjal fi Skala 15;

107.9. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

107.10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# MOZZJONI

**107.6. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Azzopardi, illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti skont iċ-Ċirkulari 3/2019 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tilqa' l-esiġenzi tal-lokalità fir-rigward tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli li jipprovdi għal:

- L-immaniġġjar ta' *bring-in sites*,
- Ġbir tal-borża l-griża/ħadra u ħġieġ bieb-bieb; kif ukoll
- Servizz ta' ġbir ta' ħġieġ minn barijiet u ristoranti;

Billi fis-seduta Nru. 106 tal-11 ta' Frar 2019 saret evalwazzjoni skont ma jidher mill-minuti tal-istess tal-istess seduta.

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat ftehim ma' GreenPak Coop li jkopri s-servizz offrut fl-intier tiegħu għall-perjodu 19 ta' Frar 2019 sal-31 ta' Jannar2021.". (K/6/11)

Joseph Azzopardi
Kunsillier
**Proponent**

Joseph Gauci
Kunsillier
**Sekondant**

**107.7. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg, illi tgħid:-**

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 104, u 105 tal-11 ta' Diċembru 2018, u 8 ta' Jannar 2019, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat tal-lokalità separati għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, fl-14 u s-17 ta' Jannar 2019, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2019 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2019/2021, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/30)

John Buttigieg
Sindku
**Proponent**

Hilary Fenech
Kunsillier
**Sekondant**